# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 115/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Haber**

Illum 14 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joseph Haber**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 15961(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli ġewwa **OMISSIS**, f'Diċembru 2013 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'għemil żieni, ikkorrompa lil **OMISSIS** ta' 15-il sena, liema delitt sar bi vjolenza;

2. bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil **OMISSIS** kontra l-volonta' tiegħu u dan bħala mezz biex jiġi mġiegħel jagħmel xi ħaġa jew joqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tiegħu;

3. ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-istess minuri **OMISSIS**;

4. ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri **OMISSIS**.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmi minuri **OMISSIS** u l-familja tiegħu u tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li l-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll li flimkien mal-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni toħroġ Ordni ta' Trattament li jkun meħtieġ fil-konfront tal-imputat Joseph Haber u dan *ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 750 *et seq.*) fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha lliberatu u, wara li rat l-Artikoli tal-liġi, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u kkundannatu ħames (5) snin priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perijodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza fejn il-persuna protetta hija **OMISSIS**. *Ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika u psikjatrika neċessarja biex jindirizza l-ġibdiet sesswali tiegħu fil-konfront ta' minuri. *In oltre*, wara li rat Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-imputat iħallas is-somma ta' elf, ħames mija u disgħin Euro (€1590.00) bħala spejjez peritali li kellhom jitħallsu fi żmien xahar minn dakinhar tas-sentenza. B'riferenza għall-Artikolu 3 tal-Att XXXIII tal-2011 u ċioè l-Att dwar Reġistrazzjoni għal Protezzjoni tal-Minuri, l-Ewwel Qorti ordnat notifika tas-sentenza lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni tal-ħati skont il-liġi. Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat ukoll id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem tal-familjari, il-minuri kif ukoll l-isem tal-istituzzjoni fejn kienu ltaqgħu u tal-lokalitajiet fejn seħħew l-abbużi billi altrimenti l-minuri jista' jkun faċilment identifikat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' April 2019 (*a fol.* 822 *et seq.*) fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"(i) Fl-ewwel lok tannulla s-sentenza appellata tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2019 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġudikatura Kriminali għar-raġunijiet li n-non-osservanza tal-artikoli tal-liġi li jiggarantixxu difiża xierqa tal-imputat fi proċess kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali kif imfisser fit-tieni parti tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali u biex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppju eżami din il-Qorti hi mitluba tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti għall-proċedimenti bis-smigħ tal-kawża u deċiżjoni skont il-Liġi; (ii) Fin-nuqqas li tintlaqa' l-ewwel talba, din il-Qorti hi mitluba tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux ħati tat-tieni akkuża u minnha ġie lliberat filwaqt li tħassarha fil-bqija, u tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fl-14 ta' Diċembru 2013 il-Pulizija rċevew rapport mingħand il-ġenituri ta' **OMISSIS** fejn huma allegaw li t-tifel tagħhom ta' ħmistax (15)-il sena kien ġie abbużat sesswalment mill-appellant. Ingħad li dan l-abbuż seħħ kemm waqt li t-tifel tagħhom kien qiegħed **OMISSIS** għal kura kif ukoll id-dar tal-appellant wara li t-tnejn kienu ħarġu mill-kura.

Illi l-Pulizija kisbu stqarrija minn għand l-appellant iżda din inkisbet mingħajr ma kien assistit minn avukat u konsegwentement din il-Qorti mhux ser tqisha.

Illi fl-istess ġurnata tar-rapport **OMISSIS** rrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn huwa semma kif waqt li kien rikoverat, l-appellant kien darba minnhom avviċinah waqt li kien qed jagħmel il-bżonnijiet tiegħu u misslu l-partijiet privati. Mix-xiehda ta' **OMISSIS** jirriżulta li sussegwentement huma kkomunikaw ma' xulxin b'dana illi kienu ltaqgħu barra mill-**OMISSIS** u marru d-dar tal-appellant għal xi tliet darbiet u waqt dawn l-okkażjonijiet l-appellant reġa' abbuża sesswalment minn **OMISSIS**.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li huwa ma ngħatax il-faċilitajiet xierqa għal preparazzjoni tad-difiża tiegħu.

Jgħid li r-rinunzja tal-patroċinju minn naħa tal-avukati tiegħu hija riżultat tal-kondotta tal-Ewwel Qorti li ma ħallitilhom l-ebda għażla u jkompli jgħid li skont l-istess avukati, huma ma setgħux jikkomunikaw miegħu u jiksbu l-kunsens tiegħu ta' kif sejrin jimpostaw id-difiża. Jargumenta li minflok ġie appuntat avukat tal-għajnuna legali biex jimposta d-difiża, l-avukat tal-għajnuna legali ġie appuntat biex setgħet tingħata s-sentenza mill-Ewwel Qorti. Jilmenta li l-avukati tiegħu kienu ressqu l-kwistjoni ta' komunikazzjoni ripetutament u li minkejja li dan ġie rikonoxxut ukoll mill-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħlaq il-provi tiegħu u ddifferiet il-kawża għas-sentenza u dan mingħajr ma tat lill-avukat tal-għajnuna legali żmien biżżejjed sabiex iressaq id-difiża huwa. Jisħaq li minħabba din ir-raġuni s-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

Illi din il-Qorti fliet l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ u jirriżultalha li l-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqa minn tal-anqas fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015 (*a fol.* 679). Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti għalqet il-provi tad-difiża fit-23 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 724) u ċioè aktar minn tliet snin wara mingħajr ma' tressqet prova waħda u dan apparti l-fatt li fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2017 ġie verbalizzat hekk: *"Il-Qorti tagħmilha ċara li jekk id-difiża ma tipproduċix il-provi tagħha fis-seduta li jmiss, il-Qorti se tiddikjara l-provi tad-difiża bħala magħluqa u tgħaddi għas-sentenza"* (*a fol.* 704). Għandu jingħad li fit-12 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 748) il-konsulenti legali tal-appellant rrinunzjaw għal patroċinju tal-istess appellant minħabba li ngħad li l-komunikazzjoni mal-istess appellant dwar il-każ kienet waħda impossibbli minħabba l-istat mentali tiegħu. Kien biss fis-27 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 749) u ċioè ħames xhur wara li ngħalqu l-provi tad-difiża li l-avukat odjern tal-appellant ġie appuntat. Anke fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 712) l-Ewwel Qorti kienet għamlitha ċara li jekk id-difiża tibqa' ma tipproduċiex il-provi tagħha fis-seduta ta' wara hija kienet ser tiddikjara l-provi tad-difiża bħala magħluqa u tgħaddi għas-sentenza. Tabilħaqq għandu jiġi nnutat ukoll li, minkejja li fit-23 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 724) l-Ewwel Qorti għalqet il-provi tal-appellant minħabba li minkejja li d-difiża kienet ingħatat żmien biżżejjed u hija baqgħet

ma ressqet l-ebda prova, l-Ewwel Qorti tat żmien lill-partijiet (kemm lill-Prosekuzzjoni u kif ukoll lid-difiża) sabiex iressqu Nota ta' Sottomissjonijiet.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li lanqas saret talba mill-konsulent legali tal-appellant sabiex jerġa' jiftaħ il-provi tiegħu. Kieku ried l-appellant seta' tal-inqas jippreżenta Rikors f'dan is-sens jew jagħmel talba fil-verbal.

Illi din il-Qorti tinnota li f'dan l-istadju jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giulio Zarb** (Numru 266/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "33. Għalkemm din il-Qorti tifhem li l-intenzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienet li tmexxi l-kawża li kellha quddiemha bi speditezza, f'dan il-każ din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati kellha, qabel xejn, taċċerta ruħha jekk l-imputat verament kienx maħkum minn stat ta' ġenn skont il-Liġi jew jekk dik l-allegazzjoni kontenuta fiċ-ċertifikati psikjatriċi kienetx għal kollox fiergħa. Dato l-importanza li anke l-Professur Mamo jagħti għall-ħtieġa li l-akkużat ikun *compos sui*, li jkun preżenti kemm fiżikament iżda wkoll mentalment għall-proċeduri penali kontrih, u li għalhekk huwa meħtieġ li huwa jkun igawdi l-pjeni fakultajiet mentali li huma bażilari għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà kriminali u għall-essenza u effettivita' tal-piena li tkun tista' tiġi inflitta lilu fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, kien impellenti fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tindaga jekk u safejn dawk il-kondizzjonijiet psikjatriċi imsemmija mill-Psikjatra fiċ-ċertifikati tiegħu kienux jinċidu fuq il-fakultajiet mentali tal-imputat appellant b'mod li minħabba fihom kienx jista' jitqies li huwa *insane* o meno."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u ser tapplikah għall-każ odjern fejn tibda billi tinnota li l-Ewwel Qorti proprju sabiex tkun tista' tassigura ruħha mill-kondizzjoni tal-appellant

qabbdet tliet esperti sabiex jagħmlu perizja psikjatrika fir-rigward tal-istess appellant u aktar tard ġew mitluba jirrelataw dwar il-kwistjoni ta' ġenn tiegħu u dwar jekk hu kienx f'pożizzjoni jikkomunika (*to instruct*) mal-konsulenti legali tiegħu.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018 l-esperti Dr. Joseph Cassar, Dr. Ethel Felice u l-Professur David Mamo ppreżentaw ir-rapport tagħhom (Dok. "JC 1" – *a fol.* 714) fejn huma rrelataw li l-appellant kien f'kundizzjoni tajba u qalu, fost l-oħrajn, hekk:

> *"On examination today Mr. Haber was well kept, pleasant, and in no distress. His mood was good, and his thinking was logical with no evidence of delusional thinking. He was not responding to hallucinations. [...]*
>
> *In summary, we draw the same conclusion today 30th. November 2017 as we did in our first interview of Mr. Haber on the 23rd. April 2016, that is that while Mr. Joseph Haber suffers from a chronic schizoaffective disorder, bipolar type, at the time of the alleged incidents in 2013, Mr. Joseph Haber was sound of mind, that is, he appreciated the nature and consequences of his actions, and these same actions were not a result of psychosis. Furthermore, at the time of our second examination Mr. Haber was mentally capable to both appreciate the charges brought against him and to appear in Court to respond to these charges."*

Illi wara li jitqabbel dan ir-rapport ma' dak li kienu qed jgħidu l-konsulenti legali tal-appellant jirriżulta ċar li l-istess konsulenti legali msemmija telfu l-ħin tal-Qorti u tawwlu l-proċess. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta wara d-diversi drabi mogħtija lid-difiża sabiex tressaq il-provi tagħha hija fl-aħħar iddikjarat il-provi tal-istess difiża bħala magħluqa.

Illi din il-Qorti taqbel mal-mod kif imxiet l-Ewwel Qorti u għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jargumenta li bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' difiża xierqa l-Ewwel Qorti ma setgħetx ġustament u raġonevolment tagħmel apprezzament san, sħiħ u korrett tal-provi li jsawru l-każ odjern. Jilmenta li minħabba n-nuqqas ta' difiża effettiva nħoloq żbilanċ serju li wassal lill-Ewwel Qorti fl-iżball li ddeċidiet fuq il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni biss. Jisħaq li anke minn dawn il-provi jirriżultaw indiżji serji li kellhom jsawru dubji serji fl-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward l-appellant jirreferi għax-xiehda mogħtija mill-Psikjatra Dr John Borg fit-30 ta' Diċembru 2013 (*a fol.* 61 *et seq.*). Skont l-appellant minn din ix-xiehda jirriżulta li minħabba l-kondizzjoni li jbatu minnha kemm l-appellant kif ukoll **OMISSIS** huma jkunu maqtugħin mir-realta'. Jirreferi wkoll għal frażi li għamel il-psikjatra fejn iddeskriva lill-vittma bħala giddieb. L-appellant jgħaddi sabiex jikkwota dak li jgħid l-istess psikjatra dwar il-kundizzjoni tiegħu fejn jiddeskrivi li huwa ma kellux *insight* u li tenut kont ta' kollox dan joħloq dubju serju dwar ix-xjenza fl-appellant li huwa wettaq reat.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li l-grad tal-prova li hija rikjesta f'dawn il-każijiet hija għolja ħafna u li l-Ġudikant irid jkun moralment konvint minn dak li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Ikompli billi jgħid li l-Qorti li ddeċidiet il-każ ma semgħetx il-provi mill-bidu sa l-aħħar u għalhekk kieku semgħethom hija kienet tkun tista' tqis il-karattru tax-xhieda. Dwar l-esperti nominati mill-Ewwel Qorti jgħid li dawn ma setgħux jikkonkludu dwar l-istat mentali tiegħu fil-mument tal-allegat abbuż.

Illi qabel ma tidħol fil-mertu ta' dan l-aggravju din il-Qorti tara li jkun opportun tfakkar illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi stabbilit dan din il-Qorti ser tibda proprju bil-punt relatat mal-fatt li l-Maġistrat li ddeċieda l-każ ma kienx sema x-xhieda kollha huwa. Bħala parenteżi din il-Qorti tinnota li l-Ġudikant sedenti f'dan l-appell kien sema' ħafna mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni meta kien għadu fil-veste ta' Maġistrat tul is-smiegħ tal-kumpilazzjoni kontra l-appellant u dana mingħajr ma eventwalment iddeċieda l-kawża in kwistjoni. Apparti minn dan, din il-Qorti tinnota wkoll li fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2015 (*a fo.* 689) kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiża eżentaw lill-Qorti preseduta mill-Maġistrat il-ġdid li eventwalment iddeċieda l-każ milli terġa' tisma x-xhieda mill-ġdid u li kien instemgħu mill-Qorti diversament preseduta. Mhux talli hekk talli din il-Qorti tkompli billi tirreferi għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Yarik Farrugia** (Numru 452/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti m'għandha l-ebda diffikulta tiddikjara illi bis-silenzju tiegħu għal xhur sħaħ, b'diversi differimenti l-appellant impliċitament ta' l-kunsens tiegħu li jissana l-atti wara l-bidla tal-Maġistrat u b'hekk eżenta lill-Qorti mill-bżonn illi terġa' tisma l-provi mill-ġdid."

Illi minbarra dan ma jirriżultax li l-appellant qed jikkontesta l-verżjoni mogħtija minn **OMISSIS** u għalhekk din il-Qorti ma tarax il-validita' tal-argument in eżami.

Illi dwar l-argumenti marbuta ma' dak li qal il-Psikjatra Dr. John Borg (*a fol.* 61 *et seq.*) din il-Qorti tinnota li meta mitlub jidentifika inċident fejn it-tifel inqabad jigdeb huwa jgħid li ma jistax jiftakar każ (*a fol.* 68). Minbarra dan mill-*file* mediku tal-appellant jirriżulta li fil-perjodu meta bdew l-abbużi mertu tal-proċeduri kontra tiegħu li l-appellant kien fi stat tajjeb u kien hemm pjan li jiġi *discharged* (*a fol.* 624, 625 u 637). L-istess Dr. Borg (*a fol.* 70) xehed li meta jkunu f'kondizzjoni tajba l-pazjenti jiġu *discharged*. Din il-Qorti tikkonkludi li l-appellant kien f'kondizzjoni mentali tajba meta seħħew il-fatti.

Illi din il-Qorti lanqas taqbel mal-argument imressaq mill-appellant li l-esperti mqabbda mill-Qorti ma setgħux jaslu għal konklużjoni ta' x'kienet il-*forma mentis* tiegħu meta kien qed iwettaq ir-reat.

Illi fir-rapport (Dok. "DM1" - *a fol.* 696 *et seq.*) l-esperti nkarigati mill-Qorti, Dr. Joseph Cassar, Dr. Ethel Felice u Professur David Mamo kkonkludew hekk:

> *"We therefore conclude that at the time of the alleged incidents in 2013, Mr. Joseph Haber was sound of mind, that is, appreciated the nature and consequences of his actions, and these same actions were not a result of psychosis. Furthermore, at the time of our examination Mr. Haber was*

> *mentally capable to both appreciate the charges brought against him and appear in Court."*

Illi dan il-kliem huwa ċar u ma għandux bżonn ta' spjegazzjoni ulterjuri. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u konsegwentement it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jargumenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija piena ferm severa meta wieħed iqis il-kondizzjoni psikjatrika tiegħu. Jilmenta li l-piena nflitta hija ferm severa u li tenut kont tal-kondizzjoni mentali tiegħu, il-ħabs mhux post idoneu fejn iqatta' il-piena nflitta.

Illi dwar il-piena din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li

> huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi meħud dak li għadu kemm ġie kkwotat in konsiderazzjoni u kif ukoll dak li l-appellant ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u tenut kont tal-piena li jġorru l-imputazzjonijiet li huwa nsab ħati tagħhom, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għala għandha tbiddel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant. L-appellant naqas milli jressaq provi konvinċenti sabiex din il-Qorti tkun tista' tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u konsegwentement din il-Qorti ma tarax li hemm lok ta' temperament fil-piena. Apparti minn dan, tenut kont ukoll li l-appellant ma ġiex dikjarat miġnun meta wettaq ir-reati, din il-Qorti ser tiċħad ukoll l-aggravju in eżami.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Joseph Haber u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dana illi t-termini stabbiliti msemmija fl-Ordni ta' Protezzjoni u fl-Ordni ta' Trattament hekk kif imsemmi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata għandhom jibdew jiddekorru mil-lum.

*In oltre*, l-ordni tal-Ewwel Qorti sabiex fi żmien xahar mid-data tas-sentenza l-appellant iħallas is-somma ta' elf, ħames mija u disgħin Euro (€1590.00) bħala spejjez peritali jibda jiddekorri mil-lum.

*Ai termini* ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri) din il-Qorti tordna li din is-sentenza tiġi notifikata minnufih lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jaderixxi ruħu ma' dak li jiddisponi Artikolu 3 tal-Kapitolu msemmi.

Finalment, din il-Qorti tordna wkoll id-divjett hekk kif ordnat mill-Ewwel Qorti fl-aħħar paragrafu tas-sentenza appellata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**